

© Route55 / Shutterstock.com

# Missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati mill-perspettiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

## RAPPORT TA'MISSJONI – MALTA

18-19 TA' JANNAR 2016

*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Rapport ta'missjoni – Malta, 18-19 ta' Jannar 2016**

*F'Diċembru 2015 u Jannar 2016, delegazzjonijiet tal-KESE ltaqgħu ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu ma' migranti fi ħdax-il Stat Membru tal-UE sabiex jidentifikaw il-problemi, il-ħtiġijiet, l-istejjer li fallew u dawk li rnexxew, u l-aħjar prattiki tal-atturi varji fil-kriżi attwali tar-refuġjati. L-għan aħħari huwa li jingħata kontribut għat-tfassil tal-politika tal-UE. Id-delegazzjoni ta' Malta kienet magħmula minn Stefano Mallia (Malta, Grupp ta' Min Iħaddem), Berivan Muhriban Öngörur (l-Iżvezja, Grupp tal-Ħaddiema) u Christian Moos (il-Ġermanja, Grupp ta' Interessi Varji) appoġġjati minn Annemarie Wiersma, mis-Segretarjat tal-KESE.*

1. **Deskrizzjoni tal-laqgħat**

**a) Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili**

Id-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Integrazzjoni qed jiżviluppa strateġija ta' integrazzjoni li tkopri azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati mill-ministeri tal-edukazzjoni, l-impjieg u l-affarijiet interni. Din tiffoka l-aktar fuq it-titjib tal-funzjonament tal-awtoritajiet governattivi sabiex jiġu solvuti l-problemi ffaċċjati mill-migranti u r-refuġjati. Biex trawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u tnaqqas ix-xogħol mhux dikjarat, Malta qed tippjana li tintroduċi sistema ta' vawċers għal impjieg għal żmien qasir. Hemm bżonn ta' qafas tal-UE għall-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki u għal azzjonijiet immirati lejn il-komunitajiet ospitanti sabiex jittejbu l-perċezzjonijiet u d-diskors dwar il-migranti. Biex tilħaq dan l-għan, l-UE għandha tenfasizza l-prattiki ta' integrazzjoni pożittiva.

**b) Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO)**

Ir-rwol tal-EASO reċentement ġie esitiż biex jinkludi l-parteċipazzjoni fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' żoni kritiċi (hotspots) tal-UE. L-Istati Membri wegħdu li jipprovdu 200 espert lill-EASO, iżda 30 biss kienu fuq il-post tax-xogħol f'Jannar. Il-persunal tal-EASO jassisti fil-proċess tar-reġistrazzjoni, jipprovdi informazzjoni lil migranti li jkunu għadhom kif waslu, u huwa responsabbli biex isib pajjiżi fejn ikunu jistgħu jiġu rilokati r-refuġjati. L-EASO saħaq li r-ritorn ta' migranti irregolari kien ir-responsabbiltà tal-pulizija.

Ġew innotati xejriet ġodda abbażi tad-data relatata mal-asil miġbura mill-Istati Membri. Dawn jinkludu żieda riċenti u inkwetanti fil-wasla ta' minorenni mhux akkumpanjati. Għalkemm l-għadd ta' migranti li qed jaslu Malta fid-dgħajjes naqas konsiderevolment, l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-asil f'Malta baqa' konsistenti matul dawn l-aħħar ftit snin. Il-maġġoranza ta' dawk li jaslu huma issa Libjani u Sirjani, b'medja ta' madwar 200 fix-xahar. Madankollu, huwa interessanti li wieħed jinnota li issa qed jaslu bl-ajruplan u mhux bid-dgħajsa.

## c) L-UNHCR Malta

Minn April 2013 'l hawn, l-għadd ta' wasliet bil-baħar f'Malta kien baxx. Minkejja dan, kien hemm żieda riċenti fl-għadd ta' Libjani u Sirjani li jaslu f'Malta permezz ta' mezzi regolari (bl-ajru) u li japplikaw għal asil fil-pajjiż. L-UNHCR madankollu jħoss li Malta għandha tkompli tkun lesta għal żieda fl-għadd ta' wasliet bil-baħar peress li s-sitwazzjoni għadha mhijiex stabbli. Sa dan l-aħħar, Malta kienet iżżomm f'detenzjoni l-migranti rregolari kollha, ħafna drabi f'kundizzjonijiet ħżiena. Issa, ġew introdotti ċentri miftuħa u riformi fil-proċess tal-asil, kif jidher mill-introduzzjoni ta' fażi ta' akkoljenza inizjali, li fiha jsiru r-reġistrazzjoni, kontroll tas-saħħa u l-ewwel valutazzjoni tat-talba għall-asil. Peress li ma kienx hemm wasliet ġodda minn meta ġew introdotti dawn il-bidliet, il-kwalità u l-effett tal-bidliet ma jistgħux jiġu vvalutati għalissa.

Malta hija pajjiż relattivament ġdid għall-migrazzjoni u għadha ma adattatx bis-sħiħ għall-wasla u l-integrazzjoni ta' migranti ġodda. L-integrazzjoni mhijiex organizzata strutturalment. Minkejja l-isforzi tal-NGOs biex joffru elementi ta' approċċ ta' integrazzjoni, m'hemmx approċċ komprensiv. Għalkemm qed tiġi żviluppata strateġija ta' integrazzjoni, il-momentum u l-impenn sħiġ mill-gvern għad mhumiex evidenti biżżejjed. L-opportunitajiet ta' impjieg huma meqjusa tajba, għalkemm huwa dubjuż jekk hemmx inċentiv biżżejjed għall-migranti biex isibu impjiegi formali. Bosta migranti jaħdmu mingħajr kuntratt formali, li spiss iwassal għall-abbużi f'termini ta' pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol.

## d) Żjara fiċ-Ċentru Miftuħ tal-Marsa

Għalkemm Malta għandha kapaċità ta' akkoljenza ta' 2 200, bħalissa qed jintużaw 700 post biss, inkluż 100 fiċ-Ċentru Miftuħ tal-Marsa. Iċ-Ċentru kien immexxi mill-Fondazzjoni għall-Kenn u l-Appoġġ għall-Migranti (SFM) bejn l-2010 u l-ħarifa tas-sena li għaddiet, meta l-Aġenzija għall-Benessri ta' Dawk li jfittxu l-Asil (AWAS) ħadet it-tmexxija f'idejha.

Ċentru Miftuħ huwa parti minn sistema ta’ ġestjoni tal-akkoljenza, li joffri akkomodazzjoni għal dawk rilaxxati minn Ċentri ta’ Akkoljenza Inizjali jew Ċentri ta’ Detenzjoni. Ċentri Miftuħin jipprovdu wkoll ċerti servizzi ewlenin u jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi standard bħall-kura tas-saħħa u l-aċċess tal-minuri għall-edukazzjoni. Dawk li jfittxu asil li jiġu riferuti lill-AWAS jitħallew joqogħdu fiċ-ċentri sa sena. Jekk ma jaħdmux jirċievu allowance. Dan l-aħħar Malta daħħlet il-kunċett ta’ Ċentri ta’ Akkoljenza Inizjali li jitmexxew ukoll mill-AWAS. Wasliet ġodda jitqiegħdu f’ċentru bħal dan għal perjodu qasir ħafna sakemm toħroġ awtorizzazzjoni medika.

## e) L-Onorevoli Carmelo Abela - Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali

Il-pożizzjoni ta' Malta dwar il-migrazzjoni hija li l-Istati tal-UE għandhom jaqsmu r-responsabbiltà biex jindirizzaw l-għadd kbir ta' migranti li jaslu. Il-migrazzjoni hija kwistjoni globali u l-pajjiżi kollha għandhom jaqdu l-parti tagħhom biex jilqgħu refuġjati u jsolvu l-kunflitti li jġiegħlu lill-persuni jaħarbu. Matul is-Summit tal-Belt Valletta, il-pajjiżi Afrikani u tal-UE qablu dwar pjan ta' azzjoni konġunt biex jindirizzaw il-migrazzjoni u l-enfasi issa għandha tkun fuq l-implimentazzjoni

tiegħu. L-UE għandha tiżgura politika verament komuni dwar il-migrazzjoni u l-asil. Il-gvern Malti, madankollu, wera tħassib dwar il-proposta riċenti tal-UE għal Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni tal-proposta fil-prattika.

Il-Gvern Malti jemmen li l-involviment tal-NGOs fil-proċess ta' migrazzjoni huwa importanti għalkemm mhux dejjem jaqbel magħhom. Pereżempju, l-awtoritajiet Maltin jixtiequ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġu infurzati b'mod sistematiku filwaqt li l-NGOs jirrakkomandaw anke l-integrazzjoni ta' migranti irregolari li ma jistgħux jiġu rritornati lejn pajjiżhom. Hemm bżonn li jiġi żgurat xogħol diċenti għall-migranti. Minħabba dan, it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem għandhom jiġu involuti sabiex jindirizzaw l-isfruttament tax-xogħol u x-xogħol mhux iddikjarat, kif ukoll it-tqabbil tal-impjiegi permezz ta' inventarju tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-migranti.

#### f) Stazzjon ta' Għajnuna Offshore għall-Migranti (MOAS)

Għalkemm l-MOAS għandu l-uffiċċji tiegħu f'Malta, l-persunal u ż-żona tal-operazzjonijiet tal-NGOs huma tassew internazzjonali. L-MOAS għandu żewġ dgħajjes li salvaw 12 000 persuna s'issa fil-Mediterran. Attwalment huwa attiv ħafna fil-Baħar Eġew, iżda se jniedi operazzjoni ġdida fil-Mediterran Ċentrali fir-rebbiegħa ta' din is-sena. F'termini ta' esperjenza, l-MOAS huwa lest jespandi, iżda ma għandux ir-riżorsi finanzjarji għal dan. L-operazzjonijiet tiegħu huma għaljin ħafna u jiddependu mill-finanzjament mingħand il-fundaturi tiegħu, l-isponsors u d-donazzjonijiet, kif ukoll mill-finanzjament kollettiv. Sabiex tingħata pubbliċità għall-attivitajiet tiegħu u jikseb finanzjament, f'ċerti każijiet l-MOAS ppermetta li jitilgħu ġurnalisti abbord biex ikopru missjonijiet ta' salvataġġ. L-MOAS dejjem ikollu bżonn jopera taħt l-awtorità tal-pajjiż responsabbli, li jagħti ukoll istruzzjonijiet dwar fejn jiżbarka l-persuni salvati.

#### g) Diskussjoni roundtable dwar l-integrazzjoni tar-refuġjati

Organizzazzjonijiet parteċipanti: Servizz tar-Refuġjati tal-Ġiżwiti ta' Malta; Fondazzjoni ADITUS; il-Kummissjoni tal-Emigranti ta' Malta; Union Ħaddiema Magħqudin - UĦM; General Workers Union Malta; il-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija ta' Malta; il-Fondazzjoni għall-Kenn u l-Appoġġ lill-migranti; l-Assoċjazzjoni tal-Midja Afrikana ta' Malta.

Peress li l-migranti ser jibqgħu jaslu f'Malta u f'pajjiżi oħra Ewropej, jinħtieġu viżjoni u approċċ fit-tul biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni. Dan l-approċċ ser ikollu jinkludi strateġija ta' integrazzjoni, b'attenzjoni speċjali għat-taħriġ u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-prezz tan-nuqqas ta' integrazzjoni ser ikun ogħla mill-ispiża ta' integrazzjoni. Il-parti l-kbira tal-migranti li jaslu fl-Ewropa bħalissa huma tal-età tax-xogħol, iżda s-soċjetà trid tħejji wkoll għall-mument meta jilħqu l-età tal-irtirar.

Fil-preżent, ħafna migranti għandhom kwalifiki ogħla milli meħtieġa għax-xogħol illi jagħmlu u jħossuhom f'nassa, mingħajr prospetti li jsibu xogħol aħjar. L-integrazzjoni effettiva tal-migranti li rnexxielhom isibu xogħol hija mxekkla minn diffikultajiet amministrattivi li jiltaqgħu magħhom meta jippruvaw jiftħu kont bankarju jew jiksbu permess tax-xogħol. Il-migranti ħafna drabi mhumiex

infurmati tajjeb dwar drittijiethom u jibżgħu jissieħbu ma' trejdjunjin. Meta jaħdmu mingħajr kuntratt, dan jista' jwassal għal sfruttament u problemi speċjalment fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u r-rata ta' remunerazzjoni għal xogħolhom.

Jeħtieġ li l-gvern jieħu t-tmexxija biex jindirizza r-razziżmu istituzzjonali u soċjali. L-integrazzjoni hija proċess bidirezzjonali li fih għandhom jagħmlu sforz il-partijiet kollha kkonċernati. Huwa meħtieġ sforz edukattiv komprensiv u fit-tul fir-rigward tad-dinamika tal-immigrazzjoni.

L-NGOs ġew esklużi mid-djalogu mal-ministeri, li bħalissa jinvolvi lill-migranti direttament. Il-parteċipanti qalu li jkun aħjar li l-NGOs jitħallew jirrappreżentaw lill-migranti, li mhux dejjem jkunu f'pożizzjoni li jkunu onesti u jikkritikaw il-gvern. Bl-istess mod, il-gvern għandu jinvolvi lit-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet tan-negozju u ta' min iħaddem fi djalogu dwar l-integrazzjoni (fis-suq tax-xogħol) u dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Il-parteċipanti laqgħu l-inizjattiva tal-KESE li jorganizza diskussjoni roundtable, li tathom opportunità unika biex jitkellmu ma' partijiet interessati oħra li rari kellhom l-opportunità jiltaqgħu magħhom. Huma ddeċidew li jadottaw l-istess format ta' laqgħa għal diskussjonijiet futuri.

## 2. **Konklużjonijiet**

Bejn Novembru 2014 u Novembru 2015, 1 763 persuna applikaw għall-asil f'Malta. Kull xahar, massimu ta' 200 persuna japplikaw għall-asil f'Malta. Il-biċċa l-kbira ta' dawn in-nies issa jaslu bl-ajruplan; il-wasliet bil-baħar huma pjuttost rari (l-aħħar waħda f'Jannar 2015). Il-maġġoranza ta' dawn l-applikanti huma Sirjani u Libjani.

Huwa ċar li l-migrazzjoni lejn l-Ewropa ser tkompli, x'aktarx f'numri kbar. Ir-rotot u l-profili tal-migranti dejjem qed jinbidlu, u dan jitlob li l-pajjiżi jkunu flessibbli u jadattaw għal dawn ir-realtajiet li jinbidlu. Il-gvernijiet iridu jħejju għal dan u l-gvern Malti, bħall-gvernijiet ta' Stati Membri oħra tal-UE, jeħtieġ li jirrifletti dwar l-għodod li jeħtieġ biex jimmaniġġja s-sitwazzjoni attwali, kif ukoll biex jindirizza l-fatturi li jikkawżaw il-migrazzjoni fuq perjodu ta' żmien twil.

Sa dan l-aħħar, Malta kienet iżżom f'detenzjoni dawk li jfittxu asil matul il-proċedura tal-asil tagħhom, ħafna drabi f'kundizzjonijiet ħżiena, f'nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-UE u dik internazzjonali. Reċentament ħadet passi biex tbiddel dan u ħolqot ċentri miftuħa.

Is-sistema ta' rilokazzjoni fil-forma attwali tagħha ma taħdimx. Is-sistema Ewropea Komuni tal-Asil mhux se tiffunzjona kif suppost sakemm ma jkunx operattivi ż-żoni kritiċi kollha ppjanati u jkun hemm rilokazzjoni effettiva tal-applikanti għall-asil. Għal dan l-għan, l-Istati Membri jridu jżommu l-wegħdiet tagħhom, f'termini ta' persunal li għandu jintbagħat fiż-żoni kritiċi, kif ukoll l-ammont ta' persuni li jkunu qed ifittxu l-asil li jkunu intrabtu li jilqgħu.

Marbuta ma' dan hemm il-ħtieġa għal politika ta' ritorn effettiva. Il-politika tal-UE dwar ir-ritorn ċertament mhux qed tiffunzjona. F'xi pajjiżi Ewropej, għalkemm mhux f'Malta, ħafna persuni jispiċċaw jgħixu fit-triq f'sitwazzjoni irregolari wara li jkunu rċevew deċiżjoni ta' ritorn. Għalkemm f'ħafna każi l-istatus irregolari tagħhom ma jżommhomx milli jsibu xogħol, huma spiss jaħdmu mingħajr kuntratt, ma jkunux assigurati kontra l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, ma jkollhomx aċċess sħiħ għall-kura tas-saħħa u jsibuha diffiċli biex isibu akkomodazzjoni adatta. Tali sitwazzjonijiet prekarji għandhom jiġu evitati.

Malta għad ma għandhiex politika dwar l-integrazzjoni tar-refuġjati u/jew migranti żviluppata sew, għalkemm riċentement bdiet tfassal strateġija ta' integrazzjoni. L-NGOs joffru ċerti servizzi jew għajnuna bħala appoġġ għall-integrazzjoni, iżda ma hemm l-ebda approċċ jew koordinazzjoni komprensivi.

Minkejja li fit-teorija, kull min jiġi offrut impjieg jista' jaħdem f'Malta, ħafna drabi ikun jinħtieġ tul ta' żmien konsiderevoli biex jinkiseb il-permess tax-xogħol meħtieġ. Bosta migranti jaħdmu mingħajr kuntratt formali u ftit kien hemm ħeġġa biex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata. Dan iwassal għal problemi li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, is-sigurtà soċjali, is-sistema tal-pensjonijiet, eċċ. Kemm l-impjegaturi kif ukoll it-trejdjunjins jeħtieġ ikunu involuti fid-djalogu soċjali sabiex tiġi indirizzata l-importanza tal-integrazzjoni tal-ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħol u jkun żgurat li d-drittijiet kollha tagħhom jiġu rispettati, inkluż ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa u sikur.

L-impjegaturi Maltin mhumiex infurmati tajjeb dwar l-impjieg tal-migranti, għalkemm hemm ħtieġa ċara għal ħaddiema barranin f'setturi speċifiċi tal-ekonomija.